MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 657/2004

**Perit Charles Buhagiar**

**vs**

**David Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 ta' Novembru tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas dik is-somma li din il-Qorti, ai termini ta' l-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa, tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta nhar il-Hadd, 3 ta' Ottubru tas-sena 2004, permezz ta' diskors pubbliku ghamel allegazzjonijiet

foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur bil-ghan li jtellfu jew inaqqaslu r-reputazzjoni tieghu, meta allega fost ohrajn, li huwa kien negligenti fil-professjoni tieghu u sahansitra li x-xoghol ta' toroq li ghalih kien responsabbli sar hazin apposta, u li ghal dan ix-xoghol hazin kien jahti l-istess attur;

2. Illi dawn l-allegazzjonijiet serji huma inveritjeri u saru bl-aktar mod irresponsabbli u bil-ghan li jaghmlu hsara lill-attur anke fil-professjoni tieghu;

3. Illi dan id-diskors pubbliku sar f'cirkostanzi fejn il-konvenut kien jaf jew, seta' jkun jaf, li kien ser jigi ppubblikat u fil-fatt, gie pubblikat fil-gazzetti;

4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv bl-ingunzjonijiet ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-8 ta' Frar tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti;

1. Illi d-diskors de quo ma huwiex libelluz fil-konfront ta' l-attur;

2. Illi d-diskors huwa bbazat biss fuq fatti li jigu pruvati u kummenti li jikkonsistu f' "fair comment" dwar kwistjonijiet ta' nteress pubbliku u kritika accettabbli f'socjeta' demokratika, kemm that il-Ligijiet tal-istampa kif ukoll that il-konvenzjoni Ewropeja dwar libertajiet fondamentali u d-drittijiet tal-bniedem;

3. Illi minn imkien mid-diskors ma johrog l-animus injurjandi rikjest mill-Ligi fil-konfront tal-attur personalment;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fattui li taw lok ghall-procedura odjerna kif esposti mill-attur jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti;

1. Illi l-kwistjoni odjerna tippernja fuq diskors tal-konvenut waqt konferenza politika li kellha wkoll risonanza pubblika peress li kien gie riprodott l-essenza tad-diskorsi tieghu f’xi gazzetti lokali;

2. Illi l-attur hassu malafamat b’dak allegat mill-konvenut u dan, ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi l-mira tal-konvenut fid-diskors tieghu ma kienx l-attur bhala politiku izda l-attur bhala professjonist;

ii. Illi fil-qosor il-konvenut allega li fil-professjoni tieghu l-attur kien negligenti, kien skansa facendi ghaliex ma jeffettwax l-ispezzjonijiet fuq il-lant tax-xoghol; kien ghalhekk jahli fondi pubblici, u finalment, li kien responsabbli ghal xoghol hazin li sar apposta;

Ikkunsidrat:

Illi effettivament jirrizulta s-segwenti:

1. Illi fil-perjodu in dizamina l-Kunsill Lokali ta’ Had Dingli kien ikkommissjona xoghlijiet f’diversi toroq tar-rahal;

2. illi l-attur hu l-konsulent tal-imsemmi Kunsill flimkien ma’ l-assistant tieghu il-Perit Godwin Agius;

3. Illi kien l-imsemmi perit Agius li kien inkarigat mix-xoghlijiet in dizamina u kien imur fuq ix-xoghol kuljum;

4. Illi l-attur kien imur kultant ukoll pero’ ma kienx it-tekniku principament responsabbli ghax-xoghlijiet de quo;

5. Illi waqt l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet inqalghu xi problemi li ma ngiebux a konjizzjoni tal-perit responsabbli mix-xoghlijiet izda min kien involut mill-ewwel irrikorra ghall-istampa;

6. Illi di piu’ gie allegat li l-parti fejn effettivament sar xi xoghol mhux konsonu sar proprju quddiem il-garaxx ta’ persuna attiva sew fil-politika li allegat li qed tigi diskriminata;

7. Illi meta l-perit responsabbli fuq indikat mar fuq il-post u vverifika l-ilment, sab li kien gust u rrimedjah;

8. Illi pero’ l-manipolazzjoni politika kienet gia’ hadet issoppravvent u din id-darba, stante l-immedjetezza tal-medium, il-hsara lill-attur kienet irreparabbli;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut isostni li hu tkellem fuq fatti u li l-kummenti tieghu kienu ghalhekk legittimi;

Ikkunsidrat:

Illi mir-rizultanzi precesswali xejn ma jista’ jkun il-boghod aktar min hekk;

Illi li jirrizulta hu li l-konvenut strah fuq nofs veritajiet mitmugha lilu biex jinfilza attakk skorrett fuq l-identita’ professjonali tal-konvenut biex allura l-konkluzjoni li l-attur mhux politikament affidabbli tigi wehidha;

Ikkunsidrat:

Illi kull ma jirrizulta hu li waqt li kienu qed isiru x-xoghlijiet in dizamina a bazi tal-permessi moghtija mill-awtoritajiet kompetenti rrizulta illi fir-realta’ tal-hajja vissuta dawn il-

permessi kienu ser jirrekaw danni ingenti lill-abitanti tal-kwartier – u mhux lill-abitanta wahda kif allegat;

Illi gie wkoll assodat li dan hu komuni f'dan it-tip ta' ezercizzju u l-haddiema nvoluti – inkluz l-arkitett responsabbli – jsolvu dawn is-sitwazzjonijiet skond il-kaz;

Illi effettivament l-istess kaz li qam dan il-kjass kollu fuqu gie rizolt immedjatament;

Illi ovvjament  hu awspikat li dan gie rizolt ghaliex hu dritt tac-cittadin komuni li ma jitpoggiex f'pozizzjoni nefasta u mhux ghax il-lanjanta ivvantat xi pseudo sahha motibija li s-socjeta' civili tirripudja;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk hu pacifiku li l-konvenut kien tassew precipituz fl-allegazzjonijiet tieghu stante li ma jirrizultax li ghamel xi verifiki qabel ma kkawza d-dannu kollu bi kliemu u bl-agir inkonsult tieghu;

Illi ghalhekk kwalunkwe kumment ibbazat fuq sultifikazzjoni u manipulazzjoni fattwali qatt ma jista' jigi vantat bhala xi konkwista ghall-libertajiet fundamentali vantati mill-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu;

Illi hu gwaj ghal dik is-socjeta' li timmanipula dawn id-drittijiet ghall-ghanijiet nefasti partiggjani taghha u f'dan ir-rigward l-istorja turina kemm –il ezempju ghalkemm mhux il-kaz li wiehed jelenkhom prezentement;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li qed tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, takkolji t-talbiet attrici u :

1. Tiddikjara li l-konvenut David Agius immalafama lill-attur Charles Buhagiar bil-mezz indikat fl-avviz promotur;

2. Rat l-artiolu 28 tal-Kap 279 u tikkundanna lill-konvenut David Agius biex ihallas lill-attur Charles Buhagiar l-ammont ta' tmien mitt Lira Maltin,

(LM800.00,0), ghad-danni lilu minnu rekati bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------